**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 6798/2024**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Agius)**

**Vs**

**Carlos Lean Schembri**

**Illum 19 ta' Settembru 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Carlos Lean Schembri** ta' sitta u għoxrin (26) sena, imwieled il-Pietà fl-4 ta' Marzu 1998, iben missier mhux magħruf u Ruth Schembri, residenti 108, Block C, Flat 6, Triq Alfier De Maedran, Tarxien u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 97398(M), talli nhar l-24 ta' Awwissu 2024 għall-ħabta tal-23:00hrs ġewwa Triq Manwel Dimech, Ħal-Qormi, u f'dawn il-Gżejjer,:

1. Saq vettura bil-mutur ta' l-għamla BMW 318 mingħajr liċenzja tas-sewqan maħruġa mill-Awtorità għat-trasport f'Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi saq vettura bil-mutur u cioè BMW 318, mingħajr ma kienet liċenzjata mill-awtorità għat-trasport f'Malta biex tintuża fit-triq;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi saq vettura bil-mutur u cioè BMW 318 mingħajr ma kienet kopera b'polza ta' assigurazzjoni dwar riskji;

4. U aktar talli fl-sitess lok, ħin u ċirkostanzi biddel, irranġa mill-ġdid jew ħassar marka ta' reġistrazzjoni fuq il-vettura ta' l-għamla BMW 318 jew xort' oħra bagħbas mal-pjanċi ta' reġistrazzjoni ta' l-imsemmija vettura;

5. U aktar talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi għamel użu minn marka ta' reġistrazzjoni xort' oħra minn dik mogħtija mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta dwar vettura ta' l-għamla BMW 318 bin-Numru ta' Reġistrazzjoni KBQ 674;

6. U aktar talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi saq vettura ta' l-għamla BMW 318 bin-Numru ta' Reġistrazzjoni KBQ 674 fi Triq meta l-ħġieġ ta' dik il-vettura ma kienx jippermetti d-dħul ta' dawl skond il-limiti permessi;

7. U aktar talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi kiser il-kundizzjonijiet tal-libertà proviżorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Dr. Leonard Caruana LL.D. b'Digriet mogħti fit-12 ta' Frar 2024;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti, f'każ ta' ħtija: (i) tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta' Carlos Lean Schembri u tordna l-arrest mill-ġdid tiegħu u kif ukoll tordna li s-somma ta' €1,000 bħala depożitu u €5,000 imposta fuqu bħala garanzija personali imposti mill-istess Qorti, jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) tittratta lil Carlos Lean Schembri bħala reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, meta huwa kien ġie misjub ħati u kkundannat għal reati b'sentenzi ta' reati Maltin, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu;

Rat illi l-imputat iddikjara li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet minnu kkonfermata wara li l-Qorti fehmitu l-implikazzjonijiet legali ta' tali ammissjoni u tatu biżżejjed żmien biex jerġa' lura minnha u jirrikonsidra l-posizzjoni tiegħu;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "A' sa' Dok. "D" a fol. 8 sa' 21 tal-proċess;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża dwar il-piena;

Rat l-atti tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli nhar l-24 ta' Awwissu 2024 għall-ħabta tal-23:00hrs ġewwa Triq Manwel Dimech, Ħal-Qormi, u f'dawn il-Gżejjer: (1) Saq vettura bil-mutur ta' l-għamla BMW 318 mingħajr liċenzja tas-sewqan maħruġa mill-Awtorità għat-trasport f'Malta; (2) U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi saq vettura bil-mutur u cioè BMW 318, mingħajr ma kienet liċenzjata mill-awtorità għat-trasport f'Malta biex tintuża fit-triq; (3) U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi saq vettura bil-mutur u cioè BMW 318 mingħajr ma kienet kopera b'polza ta' assigurazzjoni dwar riskji; (4) U aktar talli fl-sitess lok, ħin u ċirkostanzi biddel, irranġa mill-ġdid jew ħassar marka ta' reġistrazzjoni fuq il-vettura ta' l-għamla BMW 318 jew xort' oħra bagħbas mal-pjanċi ta' reġistrazzjoni ta' l-imsemmija vettura; (5) U aktar talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi għamel użu minn marka ta' reġistrazzjoni xort' oħra minn dik mogħtija mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta dwar vettura ta' l-għamla BMW 318 bin-Numru ta' Reġistrazzjoni KBQ 674; (6) U aktar talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi saq vettura ta' l-għamla BMW 318 bin-Numru ta' Reġistrazzjoni KBQ 674 fi Triq meta l-ħġieġ ta' dik il-vettura ma kienx jippermetti d-dħul ta' dawl skond il-limiti permessi; (7) U aktar talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi kiser il-

kundizzjonijiet tal-libertà proviżorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Dr. Leonard Caruana LL.D. b'Digriet mogħti fit-12 ta' Frar 2024.

L-imputat wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu. Fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti għandha ssib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet hekk dedotti kontrih.

**Piena:**

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati u kkunsidrat ukoll il-fatt li din hija l-ennesima kundanna fil-konfront ta' l-imputat dwar sewqan ta' vettura mingħajr liċenzja u mingħajr kopertura assikurattiva ta' sigurtà b'riskju għal terzi. Ħadet in konsiderazzjoni wkoll però l-fatt li l-imputat irreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri u li bl-istess azzjonijiet u fl-istess ċirkostanzi vvjola iktar minn dispożizzjoni waħda tal-Liġi.

**Decide:**

Għaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 15(1)(a) u 55(1) tal-Kap.65 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 110A(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11, ir-Regolamenti 13(2), 44(4)(5)(6)(7)(a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02, l-Artikolu 3(1)(1A)(2)(ċ) tal-Kap.104 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 17(b)(f), 49, 50, 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati, fuq ammissjoni tiegħu stess, ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-ħlas ta' multa ta' sitt elef Euro (€6,000).

L-imsemmija multa ta' sitt elef Euro (€6,000) għandha titħallas mill-imputat permezz ta' sitta u tletin (36) pagament mensili u konsekuttiv ta' €166.67 il-wieħed, bl-ewwel pagament isir pagabbli u dovut fil-11 ta' Ottubru 2024 u r-rimanenti pagamenti ulterjuri u konsekuttivi ta' €166.67 għandhom jitħallsu fil-11 il-ġurnata ta' kull xahar sussegwenti u konsekuttiv sal-ħlas intier tas-somma ta' €6,000. Kemm-il darba l-imputat jonqos milli jħallas l-ewwel pagament mensili dovut fil-11 ta' Ottubru 2024 jew kwalunkwe pagament ulterjuri, sussegwenti u konsekuttiv, huwa jiddekadi mill-benefiċċju tat-terminu u l-multa hawn imposta jew kwalunkwe bilanċ dovut minnha ssir immedjatament dovuta fl-intier tagħha u fin-nuqqas t'a ħlas ta' l-istess japplikaw il-provvedimenti ta' l-Artikolu 14 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta japplikaw fil-konfront tiegħu.

Ai termini ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna l-konfiska tas-somma ta' €500 mid-depożitu ta' €1,000 impost fuq l-imputat bid-Digriet għall-Ħeslien mill-Arrest maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) datat 12 ta' Frar 2024.

Il-Qorti tagħmilha ċara li fid-dawl ta' l-ordni ta' konfiska appena impost fuq l-imputat, sabiex huwa jkun jista' jkompli jibbenefika mill-ħelsien mill-arrest lilu konċess bid-Digriet imsemmi, wara tali konfiska ta' parti mid-depożitu impost fuqu bl-istess Digriet, huwa jkollu jerġa' jagħmel depożitu għall-ammont kollu oriġinarjament ordnat. Fin-nuqqas li jagħmel dan l-imputat ma jkunx qed jottempera ruħu ma' dak fuqu impost għall-finijiet tal-benefiċċju tal-ħelsien mill-

arrest u b'hekk ikun qed jirrendi lilu nnfisu suġġett għar-riarrest tiegħu sakemm jiġi hekk in ottemperanza mal-benefiċċju lilu konċess.

Fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, partikolarment fid-dawl ta' l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni għar-revoka tad-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) datat 12 ta' Frar 2024 u r-ri-arrest ta' l-imputat, avvanzata ai termini ta' l-Artikolu 579(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 3(2A) tal-Kap.104 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna l-iskwalifika ta' l-imputat milli jkollu jew li jikseb licenzja tas-sewqan għal żmien tmintax-il (18) xahar mid-data ta' din is-sentenza.

Għalkemm ai termini ta' l-Artikolu 3(2)(ċ)(i)(ii) tal-Kap.104 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti għandha, oltre li timponi l-piena hemm prefissa, tordna li: (i) meta r-reat ikun jikkonsisti fl-użu ta' vettura bil-mutur fi triq minn min ikun sid il-vettura bil-mutur jew minn impjegat ta', jew minn membru tal-familja ta' u li jkun jgħix ma', sid il-vettura bil-mutur, u ma jkunx hemm fis-seħħ polza tal-assigurazzjoni dwar din il-vettura skont ma għandha tkun taqbel mal-ħtiġijiet ta' din l-Ordinanza, il-qorti għandha, b'żieda mal-pieni indikati f'dan is-sub-paragrafu, tordna l-konfiska tal-vettura bil-mutur; (ii) meta r-reat, kif imsemmi, jitwettaq minn xi ħaddieħor, il-qorti għandha, b'żieda mal-pieni indikati f'dan is-sub-paragrafu, twaħħal multa oħra li tkun daqs il-valur tal-vettura bil-mutur, Hija tinsab fl-impossibilità li tapplika l-imsemmi provvediment/i tal-Liġi stante la ġiet esebita in atti l-vettura mertu ta' dawn il-proċeduri u lanqas ma tressqet prova tal-valur ta' l-istess, u għaldaqstant ikollu tastjeni mill-istess.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**